Il-Qorti,

# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-10 ta' Novembru, 2015.**

**Rikors Numru 231/2013 SM**

**Saviour Spagnol**
**(I.D. 546260 M) u**
**Catherine Spagnol**
**(I.D. 183663 M)**

**vs.**

**Joseph Vella**
**(I.D. 442852 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi r-rikorrenti Saviour Spagnol kien iffinalizza kuntratt t'appalt ma' l-intimat biex jibni blokk appartamenti u garaxxijiet taht id-direzzjoni tal-perit Duncan Mifsud, u dawn, fuq *plots* 7, 8 u 9, Triq is-Siniskalk, iz-Zejtun;

1.2. Illi xogholijiet tlestew kollha salv ghal soqfa tal-"*penthouses"* relattivi u *"minutiae"* ohra;

1.3. Illi f'dan l-istadju f'Dicembru, 2007, l-intimat iddecieda li jwaqqaf lir-rikorrenti milli jkompli bix-xogholijiet tieghu billi allega li ma sarux skont is-sengha u l-arti;

1.4. Illi l-intimat allega wkoll li l-konkos uzat ma kienx ta' kwalita` tajba u ghalhekk kien hemm il-periklu serju li l-bini kien ser jiggarraf;

1.5. Illi f'Jannar, 2008, l-intimat intavola proceduri kontra r-rikorrenti u kontra l-perit Mifsud u s-socjeta` Attard *Blue Mix Concrete Supplies Company Limited,* (ara foll 2);

1.6. Illi ghalkemm l-bini kostruwit ghadu mibni, il-kawza fuq riferita ghada pendenti;

1.7. Illi rizultat ta' ezamijiet fuq il-konkos effettwati mill-perit tekniku nominat fl-imsemmija kawza, irrizulta li l-konkos hemm uzat kien ta' kwalita` tajba hafna u ma kien hemm l-ebda periklu li l-bini kien ser jiggarraf;

1.8. Illi l-allegazzjoni tal-intimata irrizultat frivola u effettivament, ix-xoghol *de quo* kien skont is-sengha u l-arti;

1.9. Illi *di piu`* rrizulta wkoll li l-materjal uzat fl-appalt *de quo* kien kollu ta' kwalita` tajba;

1.10. Illi l-intimat ghad ghandu jaghti lir-rikorrenti s-somma ta' tnejn u tletin elf, disa` mija u dsatax il-Ewro u zbaghtax il-centezmu, (€32,919.17), bilanc minn somma akbar ghall-istess xoghol u materjal minnhu supplit lill-intimat;

1.11. Illi ghalkemm l-intimat gie debitament interpellat biex ihallas l-ammont minnhu dovut, baqa` inadempjenti;

1.12. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din m'ghandiex:

1.12.1. Tiddikjara li l-intimat hu debitur tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tnejn u tletin elf, disa` mija u dsatax il-Ewro u zbghatax il-centezmu, (€32,919.17), jew somma ohra verjuri li ghandha tigi likwidata minn din il-qorti, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti *nominandi*, bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' xoghol u materjal supplit mir-rikorrenti lill-intimat fuq struzzjoni tieghu stess;

1.12.2. Tordna lill-intimat biex ihallaslir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.12.3. Bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficcjali datata s-26 ta' Novembru, 2008, u bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-5 ta' Gunju, 2013, li permezz taghha l-intimat irrisponda bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti:

2.1. Illi l-hlas mitlub hu preskritt bid-dekors ta' hames (5) snin;

2.2. Illi x-xogholijiet konnessi ma' l-ammont mitlub mir-rikorrenti fil-procedura odjerna hu l-mertu ta' kawza ohra bejn il-partijiet, (ara foll 23), u hu ghalhekk suggett ghall-ezitu ta' kawza ohra;

2.3. Illi ghalhekk din il-kawza trid tistenna l-ezitu tal-kawza riferita fil-paragrafu precedenti;

2.4. Illi r-rikorrenti m'kkonsidrax pagament li l-intimat kien effettwa ammontanti ghal tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu, (€23,293.73);

2.5. Illi minn dan il-pagament ghaddew aktar minn hames (5) snin;

2.6. Illi ghalhekk, l-ammont mitlub mir-rikorrenti mhux korrett;

3. Rat id-digriet taghha datat it-22 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara fol 164);

4. Rat ix-xhieda a foll 165 tal-process flimkien mar-rikors tar-rikorrenti datat it-30 ta' Jannar, 2015, (ara foll 166), u d-digrieti sussegwenti, (ara wkoll foll 166), fejn anke semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, (ara foll 180);

5. Rat id-digriet taghha fir-rigward u in vista ta' dak indikat fil-paragrafu precedenti, ordnat l-isfilz tar-rapport ipprezentat in atti mill-intimat fl-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2015, (ara foll 165 u 166);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-16 ta' Frar, 2015, (ara foll 172);

7. Tirrileva li ghalkemm l-intimat inghata estensjoni biex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ghazel li jinjora t-terminu lilhu koncess, (ara foll 180);

8. Rat in-nota ta' l-intimat datata t-8 ta' Mejju, 2015, li permezz taghha irrimetta ruhhu ghall-provi prodotti, (ara foll 181);

9. Semghet ix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat il-provi esebiti flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata prodotta in atti;

11. Rat il-verbal ta' l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet datat it-23 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet taghhom, (ara foll 182);

Ikkunsidrat:

12. Illi permezz ta’ din il-procedura r-rikorrenti qieghed jitlob li jithallas tas-servizzi minnhu rezi lill-intimat u tal-materjal li hu ssupplixxa lill-istess intimat minhabba l-appalt li hu nghata lill-intimat biex jibni l-kostruzzjoni in dizamina, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

13. Illi meta x-xoghol *de quo* kien fi stat avvanzat hafna u kien ghad biss jonqos il-finalizzazzjoni tas-soqfa tal-*“penthouses”* mibnija “... l-intimat beda jsostni li l-istruttura kienet perikoluza”, liema allegazzjoni kienet wahda sorprendenti, (ara foll 128);

14. Illi rizultat ta’ tali bastun fir-roti saru diversi ezamijiet strutturali biex jigi vverifikat il-kwalita` tal-konkoss supplit u wzat fl-istess kostruzzjoni, u ghalkemm saru diversi, anke indipendenti, kollha rrizultaw li l-konkos supplit u wzat kien ta’ kwalita` tajba u ma kienx hemm il-periklu superficjalment allegat mill-intimat, (ara foll 37, 89, 124, 128, 136 sa 147, u dokumentazzjoni teknika annessa);

15. Illi ghalhekk hu abbundantement assodat li l-allegazzjoni ta’ l-intimat li l-konkos ma kienx tal-kwalita` pattwita u ghalhekk l-istruttura mibnija mir-rikorrenti kienet perikolanti giet ghal kollox respinta u imxejna bl-ezamijiet strutturali kondotti mill-esperti fil-qasam *de quo*;

16. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li x-xoghol in dizamina hu skont is-sengha u l-arti u effettivament ghadu erett in situ kif programmat;

Ikkunsidrat:

17. Illi skont l-elenku tax-xogholijiet esegwiti mir-rikorrenti u pprezentat in atti a foll 41, din il-qorti hi sodisfatta bil-precizjoni li bih dan gie redott u vverifikat mill-perit hemm indikat;

18. Illi ghalhekk hi sodisfatta li l-ammont dovut mill-intimat lir-rikorrenti ghax-xoghol u materjal supplit fil-kostruzzjoni in dizamina hu dak hemm indikat u dan anke minhabba l-fatt li

*nonostante* zewg (2) processi gudizzjarji fir-rigward, l-intimat naqas li jikkonfuta l-istess;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi ghaldaqstant in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi:

19.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

19.2. Tirrespingi r-risposti kollha ta' l-intimat;

u konsegwentement:

**DECIDE:**

19.1.1. Tiddikjara li l-intimat Joseph Vella hu debitur tar-rikorrenti Saviour u Catherine konjugi Spagnol ghax-xoghol u materjal supplit fil-kostruzzjoni fuq riferita;

19.1.2. Tillikwida l-ammont hekk dovut mill-intimat lir-rikorrenti fis-somma ta' tnejn u tletin elf, disa` mija u dsatax il-Ewro u zbghatax il-centezmu, (€32,919.17);

19.1.3. Tordna lill-istess intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

19.1.4. Bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mis-26 ta' Novembru, 2008, u bl-ispejjez kollha kif dedotti mir-rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur fuq indikat kontra l-istess intimat.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**